# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

## Nru 49/2010

## tat-30 ta' April 2010

## li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim ġie emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 71/2004 tat-8 ta' Ġunju 2004 [1].

(2) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/524/KE tad-29 ta' Ġunju 2009 dwar miżuri għat-titjib fil-funzjonament tas-suq uniku [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Taħt l-intestatura "L-ATTI LI GĦANDHOM JIEĦDU NOTA TAGĦHOM IL-PARTIJIET KONTRAENTI" tal-Kapitolu XX tal-Anness II tal-Ftehim, il-punt li ġej għandu jiġi miżjud wara l-punt 6 (Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet tal-Istati Membri, mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill tas-7 ta' Diċembru 1998 dwar il-moviment ħieles tal-merkanzija):

"7. **32009 H 0524**: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2009/524/KE tad-29 ta' Ġunju 2009 dwar miżuri għat-titjib fil-funzjonament tas-suq uniku (ĠU L 176, 7.7.2009, p. 17)."

*Artikolu 2*

It-testijiet tar-Rakkomandazzjoni 2009/524/KE li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Mejju 2010, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2010.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

AlanSEATTER

[1] ĠU L 349, 25.11.2004, p. 26.
[2] ĠU L 176, 7.7.2009, p. 17.

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.